C/2026/3236

2.7.2026

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2007/2/KE fir-rigward tas-simplifikazzjoni ta' ċerti rekwiżiti għall-istabbiliment tal-Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fl-Unjoni

(COM(2025) 985 final — 2025/0393 (COD))

(C/2026/3236)

Relatur: **Anna SCHOEMAKERS**

Proċedura leġiżlattiva	EU Law Tracker
Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 17.12.2025 Kunsill, 20.3.2026
Bażi legali	Artikoli 192(1) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea	COM(2025) 985 final
Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) rilevanti	SDG 9 — Industrija, innovazzjoni u infrastruttura SDG 11 — Bliet u komunitajiet sostenibbli SDG 12 — Konsum u Produzzjoni Responsabbli SDG 16 — Paċi, ġustizzja u istituzzjonijiet b'saħħithom
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adozzjoni fis-sezzjoni	26.2.2026
Adozzjoni fis-sessjoni plenarja	18.3.2026
Sessjoni plenarja Nru	604
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	203/1/2

1. RAKKOMANDAZZJONIJIET

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW (KESE)

1.1. jappoġġja l-objettivi tal-kompetittività tal-UE, is-semplifikazzjoni legali u t-tnaqqis fil-piż amministrattiv, u jqis li data spazjali aċċessibbli, interoperabbli u ta' kwalità għolja tikkostitwixxi fattur abilitanti kritiku għall-innovazzjoni, ir-reżiljenza ekonomika u klimatika, it-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza u l-funzjonament tajjeb tas-suq uniku ([1]);

([1]) Ara l-paġna 1 tal-memorandum ta' spjegazzjoni.

1.2. jilqa' r-reviżjoni tad-Direttiva 2007/2/KE (INSPIRE) ([2]) b'konformità mal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni u s-sejbiet tar-REFIT, u jilqa' l-emendi proposti li għandhom l-għan li jissemplifikaw l-obbligi, ineħħu dispożizzjonijiet skaduti, inaqqsu d-duplikazzjoni u jimmodernizzaw il-governanza, u fl-istess waqt li jippreżervaw l-objettiv fundamentali ta' infrastruttura Ewropea koerenti u armonizzata għall-informazzjoni spazjali, taħt l-isem ta' GreenData4All ([3]);

1.3. jappoġġja bil-qawwa l-allinjament tal-qafas INSPIRE rivedut mal-leġiżlazzjoni orizzontali tal-UE dwar id-data, b'mod partikolari d-Direttiva (UE) 2019/1024 ([4]) dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku, u jilqa' t-tneħħija ta' dispożizzjonijiet sovrapposti u żejda biex jiġu żgurati l-konsistenza legali, l-interoperabbiltà u ċ-ċarezza regolatorja fl-acquis diġitali tal-Unjoni. Il-KESE jqis li dan l-approċċ jirrifletti b'mod adegwat l-evoluzzjoni lejn ekosistema tad-data Ewropea unika, aktar milli reġimi settorjali paralleli jew frammentati ([5]);

1.4. itenni li d-data indirizzata taħt l-inizjattiva GreenData4All m'għandhiex tinftiehem li taqdi biss il-politika ambjentali. Id-data ambjentali spazjali hija, min-natura tagħha, transfruntiera u transsettorjali, u tikkostitwixxi assi pubbliku strateġiku għal firxa wiesgħa ta' politiki tal-Istati Membri u tal-Unjoni, inklużi l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-agrikoltura (eż. il-politika tal-PAK), il-kwalità tal-arja, il-programmi spazjali, it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, is-saħħa pubblika, il-ġestjoni tat-territorju, u l-protezzjoni ċivili. Din id-data tista' sservi ta' appoġġ għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, l-imsieħba soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, in-negozji, ir-riċerkaturi u ċ-ċittadini, kif ukoll għall-Opinjonijiet u l-attivitajiet tal-KESE bħall-ħidma tiegħu dwar l-approċċ "saħħa waħda" tal-Unjoni Ewropea ([6]). Għalhekk, il-KESE jilqa' l-approċċ kontinwu fil-livell tal-Unjoni biex jiġi ffaċilitat ċiklu tal-ħajja tad-data kompletament standardizzat, b'konformità mas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità ([7]);

1.5. jieħu nota li l-Kummissjoni wettqet proċess sinifikanti u inklużiv ta' involviment u konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, li wassal għal eżiti pożittivi u azzjonabbli, u jirrikonoxxi l-appoġġ wiesa' li ntwera mill-awtoritajiet pubbliċi, l-utenti tad-data xjentifika, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-persuni privati u partijiet ikkonċernati oħra għall-emendar u s-semplifikazzjoni tad-Direttiva 2007/2/KE, li jsaħħaħ il-leġittimità u r-rilevanza prattika tal-emendi proposti;

1.6. jippreferi li jkun hemm referenza espliċita għall-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2007/2/KE. Għalkemm is-soċjetà ċivili tista' tinftiehem li hija inkluża b'mod impliċitu, in-nuqqas ta' referenza konkreta jista' jwassal għal interpretazzjonijiet diverġenti u applikazzjoni diskrezzjonali fil-livell tal-Istati Membri, li potenzjalment jikkompromettu l-implimentazzjoni konsistenti u inklużiva. Barra minn hekk, il-KESE jippreferi jkun imsieheb fi proċess ta' implimentazzjoni mwettaq permezz ta' programm ta' ħidma pluriennali;

1.7. jissottolinja li s-semplifikazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-qafas INSPIRE, f'allinjament mal-aktar regoli riċenti tal-Unjoni dwar id-data miftuħa, huma mistennija jiġġeneraw iffrankar ta' kostijiet annwali ta' madwar EUR 12-il miljun, u dan jagħmlu parti attraenti mill-pakkett Omnibus Ambjentali. L-approċċ rivedut jissemplifika r-rekwiżiti u jiżgura l-konsistenza mal-qafas attwali tad-data miftuħa, u għandu l-għan li jnaqqas il-kostijiet tal-konformità għall-awtoritajiet pubbliċi, waqt li fl-istess ħin jiffaċilita aċċess usa' u aktar effiċjenti għal settijiet tad-data ġeospazjali ta' valur għoli kemm għall-utenti pubbliċi kif ukoll għal dawk privati. Dan huwa mistenni li jtejjeb l-użu mill-ġdid tad-data, jappoġġja l-innovazzjoni u jikkontribwixxi għal implimentazzjoni aħjar tal-politika f'diversi setturi. Il-KESE jappoġġja dan l-iffrankar tal-kostijiet f'termini ta' ħin u baġit ([8]);

([2]) Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l- 14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2007/2/oj).

([3]) Ara l-paġni 8/9 tal-memorandum ta' spjegazzjoni.

([4]) Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (riformulazzjoni) (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1024/oj).

([5]) Ara l-paġni 4/5 tal-memorandum ta' spjegazzjoni.

([6]) ĠU C, C/2026/16, 16.1.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2026/16/oj.

([7]) Ara l-paġna 3 tal-memorandum ta' spjegazzjoni.

([8]) Ara l-paġni 9/10 tal-memorandum ta' spjegazzjoni.

1.8. jinnota li l-proposta ma tinkludix bidliet fil-qafas baġitarju tal-Unjoni u hija ppreżentata bħala newtrali għall-baġit. Madankollu, il-KESE jirrakkomanda li jiġi żgurat li l-Istati Membri jkollhom aċċess għal għodod adegwati ta' hardware u software sabiex ikunu jistgħu jużaw l-istess standards u proċeduri tekniċi u b'hekk jiżguraw l-interoperabbiltà tad-data. Il-bini ta' kapaċità adattata jibqa' kwistjoni li ma tridx tintesa. Għandhom jiġu pprovduti fondi speċifiċi lill-Istati Membri għal dan l-għan, b'mod partikolari għall-validazzjoni tad-data bbażata fuq standards ippubblikati ([9]);

1.9. jenfasizza li l-ekwità interġenerazzjonali tirrikjedi tfassil ta' politika li jħares 'il quddiem u li jqis b'mod espliċitu l-konsegwenzi fit-tul tad-deċiżjonijiet tal-lum għall-ġenerazzjonijiet futuri. Dan il-prinċipju huwa partikolarment rilevanti fil-ġbir, l-ipproċessar u l-pubblikazzjoni ta' data spazjali, peress li tali data qed tintuża dejjem aktar biex tinforma l-għażliet ta' politika b'impatti ambjentali u soċjetali dejjiema. Għalhekk, it-tranżizzjoni mid-Direttiva INSPIRE għal qafas GreenData4All li jibqa' validu fil-futur tippreżenta opportunità importanti biex inkomplu nivvalutaw u ntaffu l-konsegwenzi negattivi potenzjali tal-futur tagħna xprunat mid-data. Waqt li l-ekwità interġenerazzjonali tista' tidher li hija kunċett ġenerali, hija direttament applikabbli għal dan il-proċess leġiżlattiv.

1.10. jirrimarka li l-ekwità interġenerazzjonali tinkludi l-evitar ta' impatti ambjentali negattivi li l-ħżin tad-data jkollu fuq l-użu tal-ilma, tal-enerġija u tal-art. Tkopri wkoll konsegwenzi soċjali, inklużi riskji ta' esklużjoni f'"żoni bojod" — jew sempliċiment aċċess inugwali. Lanqas ma għandhom jintesew il-konsegwenzi negattivi attwali mhux magħrufa u potenzjali tal-IA, iżda jeħtieġ li jiġu indirizzati, pereżempju permezz tal-komunità ta' utenti esperti. L-approċċ ġenerali tal-ekwità mbagħad jiżgura li l-infrastruttura tad-data spazjali tibqa' aċċessibbli u ta' benefiċċju għal kulħadd, irrispettivament mill-karatteristiċi personali, l-isfond, ir-rwol, jew l-istatus fis-soċjetà, bħala komponent ewlieni ta' qafas ta' governanza tad-data ekwu u sostenibbli li jaqdi kemm lill-ġenerazzjonijiet attwali kif ukoll lil dawk futuri;

1.11. jirrakkomanda bil-qawwa li l-implimentazzjoni tal-qafas INSPIRE rivedut tkun akkumpanjata minn sforzi msaħħa biex jiġi żgurat li d-data spazjali Ewropea tinġabar, tinħażen, tiġi pproċessata u protetta fl-Unjoni, taħt il-ġuriżdizzjoni legali Ewropea, b'konformità sħiħa mad-dritt tal-Unjoni, l-istandards tal-protezzjoni tad-data u l-objettivi tal-Unjoni dwar l-awtonomija strateġika u r-reżiljenza diġitali.

2. **NOTI TA' SPJEGAZZJONI**

Argumenti b'appoġġ għar-rakkomandazzjonijiet 1.1, 1.2 u 1.3

2.1. Wieħed mis-suċċessi dejjiema tal-kooperazzjoni tal-Unjoni Ewropea jinsab fil-kondiviżjoni u l-użu konġunt tad-data ġeografika. L-istabbiliment ta' oqfsa komuni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-iskambju ta' informazzjoni ġeospazjali ppermetta lil ħafna partijiet ikkonċernati — speċjalment l-awtoritajiet pubbliċi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni — iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod aktar effettiv, kemm fl-Istati Membri kif ukoll bejn il-fruntieri. Id-data spazjali miftuħa u aċċessibbli hija għodda essenzjali għall-monitoraġġ, l-ippjanar, l-evalwazzjoni u t-titjib kontinwu tat-teħid tad-deċiżjonijiet spazjali. Dawn jappoġġjaw politiki bbażati fuq l-evidenza u jtejbu l-effiċjenza amministrattiva, it-trasparenza u l-akkontabilità. L-Istati Membri, meta jaġixxu individwalment, ma jistgħux jiżguraw b'mod adegwat l-iżvilupp, il-governanza, il-ġestjoni u l-interoperabbiltà ta' data spazjali miftuħa għal użu bi skopijiet multipli minn diversi partijiet ikkonċernati fit-territorju kollu tal-Unjoni Ewropea.

Argumenti b'appoġġ għar-rakkomandazzjoni 1.4

2.2. Il-valur tad-data spazjali qed ikun dejjem aktar marbut mal-azzjoni klimatika, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, il-prevenzjoni tar-riskju, u s-sistemi ta' twissija bikrija u ta' rispons għall-għargħar, it-tniġġis tal-arja, in-nixfiet u n-nirien fis-selvaġġ. Id-data spazjali miftuħa se tibqa' partikolarment importanti fir-rigward tat-tisħiħ tas-suq uniku u l-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-proċess ta' tfassil ta' proposta biex tiġi emendata

([9]) Ara l-paġna 10 tal-memorandum ta' spjegazzjoni.

d-Direttiva 2007/2/KE beda xi żmien ilu u ġie miżjud biss aktar tard mal-pakkett Omnibus. Din l-integrazzjoni ma għandha l-ebda konsegwenza (ambjentali) għall-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li temenda din id-Direttiva, u l-proposta hija allinjata bis-sħiħ mal-pakkett Omnibus Diġitali. Waqt li ma hemm l-ebda għan ta' żvilupp sostenibbli uniku ddedikat b'mod espliċitu għall-kondiviżjoni tad-data miftuħa, huwa rikonoxxut b'mod wiesa' li d-data miftuħa u interoperabbli hija faċilitatur indispensabbli biex jintlaħqu l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli kollha kemm huma. Data spazjali affidabbli hija bażi għall-progress f'diversi għanijiet billi tipprovdi informazzjoni għat-tfassil tal-politiki, l-intraċċar tal-eżiti, u tippermetti azzjoni koordinata fuq skala kbira.

Argumenti b'appoġġ għar-rakkomandazzjonijiet 1.5 u 1.6

2.3. Fl-istess ħin, l-użu ta' data kondiviża jrid ikompli jkun iggwidat b'mod sod mill-interess pubbliku. Il-gvernijiet fil-livell tal-Istati Membri huma responsabbli għal dan, u s-soċjetà ċivili se jkompli jkollha rwol bħala kożviluppatur u bħala għassies biex tiżgura użu adegwat tad-data. Il-KESE jappoġġja l-approċċ tal-Unjoni għad-data miftuħa, li huwa bbażat fuq il-prinċipju li d-data għandha sservi l-ġid komuni u tappoġġja l-objettivi tas-sostenibbiltà, iżda huwa importanti li ma nkunux inġenwi, u li nibqgħu attenti għar-riskji tal-ġbir tad-data għall-kummerċjalizzazzjoni li jistgħu jikkontribwixxu għad-degradazzjoni ambjentali, l-isfruttar żejjed tar-riżorsi naturali, ir-rimi illegali jew id-deforestazzjoni, jew li tingħata prijorità għal raġunijiet jew regolamenti ta' sigurtà (internazzjonali) mhux trasparenti. Għal darb' oħra, il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il-proposta biex tiġi emendata d-Direttiva INSPIRE b'konformità mal-inizjattiva GreenData4All, speċjalment bl-għan li titkompla.

Argumenti b'appoġġ għar-rakkomandazzjonijiet 1.7 u 1.8

2.4. Waqt li jilqa' l-fatt li l-pożizzjet tekniċi u finanzjarji huma mistennija li jonqsu, il-KESE jinnota li l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' finanzjament iddedikati jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-emendi għad-Direttiva 2007/2/KE. Madankollu, il-KESE huwa favur li jkun hemm fondi speċifiċi disponibbli għall-Istati Membri sabiex jiġi żgurat l-aktar użu effettiv u aċċessibbli tad-data f'din l-era dejjem aktar xprunata mid-data. Dan huwa partikolarment rilevanti minħabba r-rapidità tal-iżvilupp teknoloġiku, inkluż il-qasam li qed jevolvi malajr tal-intelliġenza artifiċjali, li se jkompli jżid kemm id-domanda għal data interoperabbli ta' kwalità għolja kif ukoll il-valur tagħha.

Argumenti b'appoġġ għar-rakkomandazzjonijiet 1.9, 1.10 u 1.11

2.5. Waqt li l-proposta tirreferi għall-Att tal-UE dwar id-Data (ir-Regolament (UE) 2023/2854) ([10]) u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (ir-Regolament (UE) 2016/679) ([11]), hija ma tindirizzax b'mod espliċitu l-isfidi strateġiċi u t-tħassib dwar l-ekwità interġenerazzjonali mressqa miż-żgħażagħ fir-rigward tal-governanza tad-data u l-użu tad-data. Meta tittieħed azzjoni dwar l-inizjattiva, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-ħżin tad-data, inkluż l-impronta tal-enerġija u tal-ilma tagħha, u lil kwistjonijiet ta' sovranità tad-data u protezzjoni tad-data fit-territorju Ewropew. Għalkemm dawn l-aspetti jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni immedjat tad-Direttiva 2007/2/KE, il-KESE jqis li, flimkien mal-perspettiva taż-żgħażagħ, huma intrinsikament marbuta mal-objettiv ġenerali li tiġi żgurata governanza fit-tul tad-data spazjali Ewropea li tkun inklużiva — inkluża l-eliminazzjoni ta' "żoni bojod" fl-Unjoni — sostenibbli u aċċessibbli għal kulħadd. L-indirizzar ta' dawn id-dimensjonijiet huwa essenzjali biex tinżamm il-fiduċja fl-infrastruttura Ewropea tad-data spazjali, b'mod partikolari fil-kuntest ġeopolitiku, teknoloġiku u tas-sigurtà attwali.

([10]) Regolament (UE) 2023/2854 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-data u l-użu tagħha u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva (UE) 2020/1828 (l-Att dwar id-Data) (ĠU L, 2023/2854, 22.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2854/oj).

([11]) Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

3. **EMENDI PROPOSTI GĦALL-PROPOSTA LEĠIŻLATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA**

Emenda 1

Żid il-premessa (14) għal COM(2025) 985 final li temenda d-Direttiva 2007/2/KE

marbuta mar-rakkomandazzjoni 1.11

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KESE
	(14) Fid-dawl tal-importanza strateġika tad-data ġeografika li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2007/2/KE, jenħtieġ li jiġi żgurat li tali data ġeografika tingħabar, tinħażen, tiġi pproċessata u protetta fit-territorju Ewropew u taħt il-ġuriżdizzjoni legali Ewropea. Dan se jsaħħaħ iċ-ċertezza legali, isaħħaħ il-fiduċja fil-kondiviżjoni tad-data tas-settur pubbliku, u jallinja l-qafas tal-inizjattiva "GreenData4All" mal-objettivi tal-Unjoni dwar is-sovranità diġitali, iċ-ċibersigurtà u l-awtonomija strateġika.

Raġuni

Il-kuntest ġeopolitiku li qed jinbidel malajr jitlob attenzjoni akbar rigward il-post fejn tiġi ġestita d-data Ewropea u l-governanza u l-qafas legali relatati ma' tali ġestjoni. Il-KESE jenfasizza li l-protezzjoni tad-data, il-prattiki tal-kondiviżjoni tad-data u l-istandards ta' governanza jvarjaw b'mod sinifikanti bejn il-ġuriżdizzjonijiet globali, u li l-qafas legali tal-Unjoni jipprovdi livell partikolarment għoli ta' protezzjoni għad-data personali*, tas-settur pubbliku u strateġika.

F'dan il-kuntest, il-KESE jqis li huwa essenzjali li d-data ġeografika Ewropea tiġi rregolata u ġestita b'mod li jiżgura l-applikazzjoni kontinwa tal-liġi u l-istandards Ewropej, u b'hekk jiġu ssalvagwardjati l-objettivi ta' interess pubbliku, iċ-ċertezza legali u l-awtonomija strateġika. * INSPIRE u GreenData4All ma jinkludux data personali.

Emenda 2

Żid premessa (15) ġdida għal COM(2025) 985 final li temenda d-Direttiva 2007/2/KE

marbuta mar-rakkomandazzjoni 1.6

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KESE
	(15) L-Artikolu 18 tad-Direttiva 2007/2/KE huwa emendat kif ġej: ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu nominati strutturi u mekkaniżmi adatti għall-koordinazzjoni, fil-livelli differenti kollha ta' gvern, tal-kontributi tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ta' dawk kollha li għandhom interess fl-infrastruttura tagħhom għal informazzjoni ġeografika.***

Raġuni

L-intenzjoni hija li tiżdied referenza espliċita għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-Artikolu 18 minħabba li l-użu ta' data kondiviża jrid ikompli jkun iggwidat bis-sħiħ mill-interess pubbliku. Il-gvernijiet fil-livell tal-Istati Membri huma responsabbli għal dan, u s-soċjetà ċivili se jkompli jkollha rwol bħala kożviluppatur u bħala għassies biex tiżgura użu adegwat tad-data. Il-KESE jappoġġja l-approċċ tal-Unjoni għad-data miftuħa, li huwa bbażat fuq il-prinċipju li d-data

għandha sservi l-ġid komuni u tappoġġja l-objettivi tas-sostenibbiltà, iżda huwa importanti li ma nkunux inġenwi, u li nibqgħu attenti għar-riskji tal-ġbir tad-data għall-kummerċjalizzazzjoni li jistgħu jikkontribwixxu għad-degradazzjoni ambjentali, l-isfruttar żejjed tar-riżorsi naturali, ir-rimi illegali jew id-deforestazzjoni, jew li tingħata prijorità għal raġunijiet jew regolamenti ta' sigurtà (internazzjonali) mhux trasparenti. Għal darb' oħra, il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il-proposta biex tiġi emendata d-Direttiva INSPIRE b'konformità mal-inizjattiva "GreenData4All", speċjalment bl-għan li titkompla.

Emenda 3

Żid premessa (21) ġdida għal COM(2025) 985 final li temenda d-Direttiva 2007/2/KE

b'rabta mar-rakkomandazzjonijiet 1.9 u 1.10

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KESE
	L-ekwità interġenerazzjonali tirrikjedi tfassil ta' politika li jħares 'il quddiem u li jqis b'mod espliċitu l-konsegwenzi fit-tul tad-deċiżjonijiet tal-lum għall-ġenerazzjonijiet futuri. Dawn jinkludu l-konsegwenzi ambjentali, il-konsegwenzi soċjali u l-konsegwenzi (li għadhom mhumiex magħrufa) tar-rwol tal-IA fil-proċess tal-produzzjoni ta' data ġeografika. Dan il-prinċipju huwa partikolarment rilevanti fil-ġbir, l-ipproċessar u l-pubblikazzjoni ta' data ġeografika, peress li tali data qed tintuża dejjem aktar biex tinforma l-għażliet ta' politika b'impatti ambjentali u soċjetali dejjiema. Għalhekk, it-tranżizzjoni mid-Direttiva INSPIRE għal qafas ta' "GreenData4All" li jibqa' validu fil-futur tippreżenta opportunità importanti biex inkomplu nivvalutaw u ntaffu l-konsegwenzi negattivi potenzjali tal-futur tagħna xprunat mid-data.

Raġuni

Waqt li l-ekwità interġenerazzjonali tista' tidher li hija kunċett wiesa', hija direttament applikabbli għal dan il-proċess leġiżlattiv. Din tkopri l-evitar ta' impatti ambjentali negattivi li l-ħżin tad-data jkollu fuq l-użu tal-ilma, tal-enerġija u tal-art. Tinkludi konsegwenzi soċjali, inklużi riskji ta' esklużjoni f'"żoni bojod" — jew sempliċiment aċċess mhux ugwali. Il-konsegwenzi negattivi attwali mhux magħrufa u potenzjali tal-IA lanqas ma għandhom jitħallew barra, iżda jeħtieġ li jiġu indirizzati, pereżempju permezz tal-komunità ta' utenti esperti. L-approċċ ġenerali tal-ekwità mbagħad se jiżgura li l-infrastruttura tad-data spazjali tibqa' aċċessibbli u ta' benefiċċju għal kulħadd, irrispettivament mill-karatteristiċi personali, l-isfond, ir-rwol, jew l-istatus fis-soċjetà, bħala komponent ewlieni ta' qafas ta' governanza tad-data ekwu u sostenibbli li jservi kemm lill-ġenerazzjonijiet attwali kif ukoll lil dawk futuri.

Emenda 4

Żid l-Artikolu 1(11) għal COM(2025) 985 final li temenda d-Direttiva 2007/2/KE

marbuta mar-rakkomandazzjoni 1.6

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KESE
	(11) l-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej: ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu nominati strutturi u mekkaniżmi adatti għall-koordinazzjoni, fil-livelli differenti kollha ta' gvern, tal-kontributi tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ta' dawk kollha li għandhom interess fl-infrastruttura tagħhom għal informazzjoni ġeografika.***

Raġuni

L-intenzjoni hija li tiżdied referenza espliċita għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-Artikolu 18 minħabba li l-użu ta' data kondiviża jrid ikompli jkun iggwidat bis-sħiħ mill-interess pubbliku. Il-gvernijiet fil-livell tal-Istati Membri huma responsabbli għal dan, u s-soċjetà ċivili se jkompli jkollha rwol bħala kożviluppatur u bħala għassies biex tiżgura użu adegwat tad-data. Il-KESE jappoġġja l-approċċ tal-Unjoni għad-data miftuħa, li huwa bbażat fuq il-prinċipju li d-data għandha sservi l-ġid komuni u tappoġġja l-objettivi tas-sostenibbiltà, iżda huwa importanti li ma nkunux inġenwi, u li nibqgħu attenti għar-riskji tal-ġbir tad-data għall-kummerċjalizzazzjoni li jistgħu jikkontribwixxu għad-degradazzjoni ambjentali, l-isfruttar żejjed tar-riżorsi naturali, ir-rimi illegali jew id-deforestazzjoni, jew li tingħata prijorità għal raġunijiet jew regolamenti ta' sigurtà (internazzjonali) mhux trasparenti. Għal darb' oħra, il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il-proposta biex tiġi emendata d-Direttiva INSPIRE b'konformità mal-inizjattiva GreenData4All, speċjalment bl-għan li titkompla.

Brussell, it-18 ta' Marzu 2026.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Séamus BOLAND